

## L-10 ta' Frar

Peress li l-Kulleġġ tagħna jġib l-isem ta' San Pawl, l-assoċjazzjoni tal-Old Boys tal-Kulleġġ, ta' kull sena fil-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl, tlaqqa' lil dawk kollha li kienu jattendu f'dan il-Kulleġġ. Din tkun laqgħa tassew sabiħa, għax iġġib magħha dik in-nostalġija ta' dawk is-snin, li kif iħobbu jsejħulhom huma, "snin li ma' ninsewhom qatt". Dakinhar ukoll tismagħhom ifakkru lil xulxin il-praspar li kienu jagħmlu bħala studenti.

**Dan ir-ritratt ġie meħud quddiem il-bieb tal-Iskola Primarja tal-istess Kulleġġ, li nfetħet f'Ottubru li għadda.**



### Riflessjonijiet Spiritwali fuq il-ħajja u l-ħidma ta' Mons. Ġ. De Piro

## L-Ispiritwalità Missjunarja

*Il-missjoni tal-Knisja hija spiritwali, u mingħajr il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu tkun qisha ġisem bla ruħ.*

NO4

F'wieħed mill-Almanakki tal-missjoni li Mons. De Piro kien jippubblika kull sena kiteb hekk, "*.....il-missjunarji għandhom jiftakru li ladarba Alla għażilhom, Hu jistenna minnhom li jingħataw b'qalbhom kollha għalih*". Hu kien jinsisti li wieħed irid ikollu l-imħaba ta' Alla l-ewwel u qabel kollox, li anke wasal biex jitlobha mingħand dawk li kienu jixtiequ jingħaqdu mas-Soċjetà.

Din l-insistenza kollha ġejja mill-fatt li hu kien jemmen li din hija l-unika triq biex il-kelma ta' Alla tiġi milqugħa minn ħaddieħor. Fir-regola huwa kiteb hekk; "*Kull membru tas-Soċjetà għandu jagħmel ħiltu kollha, biex ikun jista' jwassal il-Kelma ta' Alla sewwa kemm jista' jkun, u dan jagħmlu billi ħajtu tkun tixbah dak li jippriedka*".

Hija aċċettata minn kulħadd, li l-vera spirtiwalità missjunarja, trid tkun imlaqqma f'relazzjoni profonda ta' imħabba mal-Mulej. Il-Qaddej ta' Alla kien persważ minn dan l-argument u kiteb hekk , "*...il-missjunarji jridu joqogħdu attenti li ma jitraskurawx il-mixja tagħhom* spiritwali waqt li jaħdmu ħalli jsalvaw lil- oħrajn". Huwa kien iżomm li dawk biss li għandhom relazzjoni profonda ma' Alla jkun jistgħu jippritkaw il-verità, għax għaddew personalment min din l-esperjenza.

**Dan it-tagħrif insibuh fil-Ktieb, "Found among Sinners", ta' Fr Martin Cilia mssp**



**Il-Missjunarji tagħna fil-Filippini qed jitobuna ngħinuhom biex jinxtara VANN għall-ħidma taħhom maż-żagħażgħ, specjalment mal-grupp vokazzjonali li dejjem qed jikber. Jekk tista' tgħinhom, jew taf lil xi ħadd li jista' jgħin, indirizza d-donazzjoni tiegħek lil: Fr N. Bonavia, L-Oratorju "San Domenico Savio", Triq San Ġiljan, B'Kara BKR 2806**




April 2012 / Għadd 468
Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP


NEWS PAPER POST

# Aħna lilkom

ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB





## LETTORAT Fil-Filippini

Hu pjaċir kbir tagħna li minn żmien għal żmien nikkomunikaw magħkom l-avvenimenti importanti li jseħħu fid-djar tal-formazzjoni tagħna. Tafu daqsna kemm il-formazzjoni tal-istudenti hi għal qalbna u kemm hi delikata. Ma nieqfu qatt infakkrukom biex titolbu kemm għalihom kif ukoll għal dawk li jakkumpanjawhom f'dan iż-żmien pjuttost twil fil-ħajja tagħhom.

Fid-29 ta' Jannar li għadda, fil-parroċċa ta' Santa Katarina, Bataan fil-Filippini, ħames studenti MSSP ħadu l-ministeru tal-Lettorat. Dan ifisser li huma ġew mgħoddija r-responsabbiltà li jkunu xhieda tal-Kelma t'Alla b'iżjed impenn, kemm fix-xandir tagħha kif ukoll fil-ħajja ta' kuljum. Dan hu pass konkret lejn l-ordinazzjoni saċerdotali u jseħħ lejn l-aħħar sentejn tal-formazzjoni. Dan il-ministeru rċevewh żewġ Maltin, Br Bernard u Br Clinton, u tliet Peruvjani, Br Nilton, Br Mario Alberto, u Br Carlos. Il-ħamsa li huma bħalissa qed jistudjaw it-teoloġija fid-dar Internazzjonali tal-Formazzjoni fil-Filippini.

Kien mument sabiħ ferm, fejn il-parruċċani ngħaqdu magħna f'din iċ-ċelebrazzjoni. Diversi żgħażagħ mill-parroċċa u oħrajn mill-grupp tal-vokazzjonijiet animaw il-quddiesa. Wara ma naqasx li naqsmu ftit ikel imħejji b'tant ġenerożità minn Fr Joe Cremona MSSP li hu l-kappillan tal-parroċċa.

Dan il-pass tal-għoti tal-ministeru tal-Lettorat hu segwit mill-ministeru tal-Akkolitat fejn l-istudent, jiġi mogħti r-responsabbiltà li jservi wkoll fuq l-artal fl-Ewkaristija. Br Bernard fil-fatt, fit-2 ta' Marzu rċieva wkoll dan il-ministeru fl-Università tal-PUP fejn għal dawn l-aħħar snin kien qiegħed iservi fil-ministeru ta' formazzjoni taż-żgħażagħ. Dawn l-okkażjonijiet iservu bħala mument ieħor fejn bħala MSSP naqsmu biċċa mill-ħajja tagħna mal-komunitajiet li fihom naħdmu. Hu ta' inkoraġġiment qawwi meta tara tant żgħażagħ jieħdu interess fil-ħajja missjunarja, fejn l-għotja bil-qalb ta' ħajjitna għal ħaddieħor hu l-mod ta' kif nirrispondu għall-imħabba ta' Alla għalina.

**Fr Mark Grima mssp**
**Moderatur tal-istudenti**

**Pic: Il-ħames studenti li ircivew l-Akkolitat.Bro Bernard, (fuq ix-xeluk ta'Ft. Mark) irciva l-Lettorat, aktar tard**




Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

### Tagħrif fuq id-djar u l-ministeri differenti tas-Soċjetà tagħna, f'Malta u fil-missjonijiet

NO4

# Id-Dar Ġeneralizja f'Ruma

*Fis-sena 1910 bdiet isseħħ ħolma li sa minn żmien qabel kellu Monsinjur Ġużeppi De Piro: dik li jwaqqaf għaqda ta' saċerdoti u 'brothers' biex imorru jaħdmu 'l bogħod minn art twelidhom. Kien jaf x'don kbir tana Alla permezz tal-fidi li ġabilna San Pawl, u spiss kien jgħid, "nagħtu lill-oħrajn dak li San Pawl ta lilna". Dan kien il-bidu tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, li hija l-unika Soċjetà Reliġjuża maskili mwaqqfa fi gżiritna.*

Maż-żmien, il-ħolma ta' De Piro bdiet isseħħ, u l-membri tas-Soċjetà bdew jiġu mibgħuta jagħtu s-servizzi tagħhom f'diversi artijiet barra minn Malta. Naturalment, kull missjoni partikulari jkollha l-ħtiġijiet tagħha, u allura f'kull pajjiż fejn ninsabu jiġi maħtur wieħed minn fost il-membri bħala superjur tal-missjoni. Dan dejjem ikollu miegħu kunsill ta' tlieta jew erba' membri oħra biex jgħinuh fit-tmexxija ta' dik il-missjoni partikulari.

Biex jikkoordina l-ħidma kollha tal-missjonijiet diversi li s-Soċjetà għandha, imbagħad hemm is-Superjur Ġenerali tas-Soċjetà. "Bħala s-suċċessur tal-Fundatur," kif jgħidulna l-kostituzzjonijiet tagħna, is-Superjur, "iservi s-Soċjetà afdata lilu mill-aħjar li jista'". Biex jagħmel dan, hu megħjun minn grupp żgħir ta' kunsillieri li miegħu jiġu eletti kull sitt snin, meta jsir il-Kapitlu Ġenerali tas-Soċjetà.

Għal żmien twil sa mit-twaqqif tal-MSSP, it-tmexxija tas-Soċjetà kienet issir minn Malta, post twelidha. Iżda biż-żmien beda jinħass il-bżonn li dan l-uffiċċju jiċċaqlaq minn Malta u jmur Ruma. Barra l-fatt li dar f'Ruma tkun qrib l-uffiċċji tal-Vatikan, huwa wkoll f'din il-belt li ħafna ordnijiet reliġjużi għandhom dik li nsejħulha d-Dar Ġeneralizja, jew headquarters tagħhom, u għalhekk ħafna laqgħat bejn is-Superjuri Ġenerali jsiru hemmekk. Ma rridux ninsew ukoll il-vantaġġ li dawn ikollhom okkażjonijiet li jiltaqgħu, jaqsmu ideat u ħsibijiet, u jitkellmu dwar problemi u opportunitajiet komuni b'mod informali.

Barra minn hekk, il-fatt li s-Superjur Ġenerali ma jkunx marbut ma' xi pajjiż jew missjoni partikulari, jgħinu jiffoka l-ħidma u l-ħsibijiet tiegħu fuq il-bżonnijiet kollha tas-Soċjetà, bla ma jinqabad iżżejjed fi problemi ta' natura lokali.

Kien għalhekk li fl-1998 is-Soċjetà ddeċidiet, li ċċaqlaq id-Dar Ġeneralizja tagħha minn Malta għal Ruma. Dan kien fiż-żmien meta kellna bħala Superjur Ġenerali lil Fr Joe Cremona, li llum qiegħed iservi fil-missjoni tagħna fil-Filippini. Għal dan il-għan inxtrat dar żgħira f'post jismu Vitinia, ftit 'il barra miċ-ċentru ta' Ruma. Dan il-post huwa ideali għalina, għax waqt li mhux fl-istorbju tal-belt, huwa milħuq tajjeb anke bit-trasport pubbliku. Barra minn hekk, Vitinia tinsab f'nofs triq bejn il-belt u l-ajruport prinċipali ta' Ruma. Dan huwa vantaġġ kbir għalina għax spiss jieqfu jgħaddu xi jumejn magħna missjunarji fi triqthom minn, jew lejn art twelidhom għal ftit mistrieħ. Dawn il-ġranet dejjem ikunu okkażjoni sabiħa biex il-missjunarji jaqsmu personalment mas-Superjur dak li jkunu għaddejin minnu fil-ħidma missjunarja tagħhom, u miegħu jiddiskutu dwar il-bżonnijiet tagħhom, il-ħolm li jkollhom, u s-sodisfazzjonijiet li l-Mulej jogħġbu jagħtihom frott il-preżenza u x-xogħol tagħhom.

Fid-dar ta' Vitinia s-Superjur Ġenerali u l-kunsill tiegħu, flimkien ma' xi membru ieħor tas-Soċjetà, jgħixu f'ħajja komuni, jaħdmu u jitolbu flimkien. Naturalment, il-ħidma prinċipali minn din id-dar hija t-tmexxija tas-Soċjetà Missjunarja tagħna. Is-Superjur Ġenerali spiss ikollu laqgħat mal-kunsillieri tiegħu biex ikun jista' jieħu deċiżjonijiet għaqlija f'diversi aspetti tal-ħajja u l-ministeri tal-membri fil-missjonijiet li l-MSSP għandha fil-pajjiżi fejn ninsabu.

Bħala parti mill-ħidma tiegħu, is-Superjur Ġenerali jrid ukoll iżur kull missjoni li għandha s-Soċjetà bejn wieħed u ieħor darba kull tliet snin. Matul din iż-żjara, li tissejjaħ il-Vista Kanonika, is-Superjur Ġenerali jkollu l-okkażjoni li jiltaqa' mal-membri kollha tal-MSSP individwalment, jara l-ħidmiet li qed isiru, jiltaqa' mal-lsqfijiet tal-postijiet fejn qegħdin u mal-ħafna nies li naħdmu magħhom jew jaqsmu magħna l-missjoni tagħna. Dan itih idea ċara ta' kif sejrin l-affarijiet u xi bżonnijiet hemm fid-diversi missjonijiet tas-Soċjetà.

Fl-aħħar, ta' min ifakkar li x-xogħol tas-saċerdot mhux fl-uffiċċju jew amministrazzjoni biss. Għalhekk minn din id-dar ta' Vitinia nagħtu wkoll is-sehem tagħna biex ngħinu fil-ħidma pastorali tal-parroċċa, u ta' xi parroċċi oħra viċin, kif ukoll nagħtu s-servizz tagħna lil diversi għaqdiet u komunitajiet reliġjużi, speċjalment dawk li bħalna għandhom il-kariżma tal-missjoni.

Minn hawn nieħdu l-okkażjoni biex nirringrazzjaw lil dawk il-ħafna minnkom li jgħinuna f'dan ix-xogħol daqshekk delikat – kemm bit-talb tagħkom kif ukoll b'għajnuniet oħra. Żguri li l-Mulej ibierek il-ġenerożità tagħkom.

**Fr Mario Micallef mssp**
**Vigarju Ġenerali**


Fr.Micallef, is-Sup.Gen. E.T.Ruperto Cruz Santos, isqof ta' Balanga fil-Filippini, Fr.Cremona


Is-Superjur Ġenerali u l-kunsill


Is-Superjur Ġenerali u l-kunsill tiegħu, waqt laqgħa mas-superjuri tar-reġjuni tal-MSSP


L-isqof li qed għall-ikel u Mons. Mario Busquets Jordà ta' Chuquibamba


Is-Superjur Ġenerali u l-kunsill tiegħu, waqt laqgħa mas-superjuri tar-reġjuni tal-MSSP


Id-Dar Generaliza f'Ruma